Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2024/0027(COD)

10.2.2025

EMENDI
3 - 24

Abbozz ta' rapport
Veronika Vrecionová
(PE768.215v01-00)

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-Repubblika tal-Moldova fuq l-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf, tal-ekwivalenza taż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf prodotti fir-Repubblika tal-Moldova, tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pitravi u l-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pjanti taż-żejt, u tal-ekwivalenza taż-żieragħ tal-pitravi u taż-żieragħ tal-pjanti taż-żejt prodotti fl-Ukrajna

Proposta għal deċiżjoni
(COM(2024)0052 – C9- 0026/2024 – 2024/0027(COD))

Emenda 3
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. fr

Emenda 4
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Waldemar Buda, Emmanouil Fragkos, Claudiu-Richard Târziu, Francesco Ventola, Anna Zalewska

Proposta għal deċiżjoni
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(1) L-ekwivalenza proposta thedded il-kompetittività tas-settur taż-żrieragħ tal-UE, li jopera bi standards u kostijiet għoljin. (2) Żrieragħ importati jibbenefikaw minn kostijiet lavorattivi baxxi u regolamenti fitosanitarji aktar flessibbli, u b'hekk joħolqu kompetizzjoni inġusta. (3) Riskji ta' kontaminazzjoni mill-OĠM. (4) Nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. (5) Awditi ta' ispezzjoni mwettqa fl-Ukrajna u l-Moldova fl-2015/2016. Ma jqisux il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-UE u ma jipprovdux garanziji li ma jagħmlux użu minn sustanzi attivi neonikotinojdi pprojbiti fl-UE.

Emenda 5
Krzysztof Hetman

Proposta għal deċiżjoni
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 6
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE[3] tipprevedi li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti għelejjel li jipproduċu ż-żrieragħ fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tagħha ***għandhom jitqiesu*** ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni ***u li, f'ċerti kundizzjonijiet, iż-żrieragħ ta' ċerti speċijiet prodotti f'dawk il-pajjiżi għandha titqies ekwivalenti għaż-żrieragħ prodotti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni***.	(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tipprevedi li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti għelejjel li jipproduċu ż-żrieragħ fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tagħha ***jenħtieġ li jkunu*** ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni .
[3]Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE[3] tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10) http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17(1)/oj.	[3]Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE[3] tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10) http://data.europa.eu/eli/dec/2003/17(1)/oj.

Or. ro

Emenda 7
Thomas Waitz

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjonijiet rilevanti tar-Repubblika tal-Moldova. Fl-2016 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ taċ-ċereali, tal-	(3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjonijiet rilevanti tar-Repubblika tal-Moldova. Fl-2016 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ taċ-ċereali, tal-

ħxejjex u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra fir-Repubblika tal-Moldova u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[4]. Abbażi ***tal-awditu***, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fir-Repubblika tal-Moldova huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-pjanti tal-għalf li jipproduċu ż-żieragħ u għać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf.	ħxejjex u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra fir-Repubblika tal-Moldova u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport. Abbażi ***ta' dak l-awditu***, ***li sar tmien snin ilu u li għaldaqstant mhuwiex totalment aġġornat,*** il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fir-Repubblika tal-Moldova huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-pjanti tal-għalf li jipproduċu ż-żieragħ u għać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf.
[4] 'Final report of an audit carried out in the Republic of Moldova from 14 June to 21 June 2016 in order to evaluate the system of official controls and certification of seed and their equivalence with European Union requirements' https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3667.	[4] 'Final report of an audit carried out in the Republic of Moldova from 14 June to 21 June 2016 in order to evaluate the system of official controls and certification of seed and their equivalence with European Union requirements' https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3667.

Or. en

Emenda 8
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjonijiet rilevanti tar-Repubblika tal-Moldova. Fl-2016 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ tać-ċereali, tal-ħxejjex u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra fir-Repubblika tal-Moldova u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[4]. Abbażi tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fir-Repubblika tal-Moldova huma	(3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjonijiet rilevanti tar-Repubblika tal-Moldova. Fl-2016 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ tać-ċereali, tal-ħxejjex u tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra fir-Repubblika tal-Moldova u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[4]. Abbażi tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tać-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fir-Repubblika tal-Moldova huma

kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. ***Dawk*** l-awtoritajiet huma responsabbli ***wkoll mill-ispezzjonijiet*** fuq il-post ***tal-pjanti tal-għalf li jipproduċu ż-żrieragħ*** u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ tal-pjanti tal-għalf.

kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. L-awtoritajiet ***kompetenti nazzjonali, inklużi l-aġenziji taċ-ċertifikazzjoni dežinjati,*** huma responsabbli ***għat-twettiq tal-ispezzjonijiet*** fuq il-post u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ tal-pjanti tal-għalf ***prodotti fit-territorju tar-Repubblika tal-Moldova***.

---

[4] 'Final report of an audit carried out in the Republic of Moldova from 14 June to 21 June 2016 in order to evaluate the system of official controls and certification of seed and their equivalence with European Union requirements' https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3667.

[4] 'Final report of an audit carried out in the Republic of Moldova from 14 June to 21 June 2016 in order to evaluate the system of official controls and certification of seed and their equivalence with European Union requirements' https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3667.

Or. ro

Emenda 9
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-awtoritajiet fir-Repubblika tal-Moldova jenħtieġ li jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki, permezz tal-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma u ta' taħriġ konġunti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġja lill-awtoritajiet fir-Repubblika tal-Moldova fl-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ kontinwi għall-ispetturi u l-persunal responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni taż-żrieragħ tal-pjanti tal-għalf sabiex iżommu ruħhom aġġornati dwar l-aħjar prattiki u regolamenti internazzjonali.

Or. ro

Emenda 10
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova jeħtieġ li jimplimentaw sistema ta' valutazzjoni tar-riskju għaż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf sabiex jidentifikaw u jipprevjenu kwalunkwe problema potenzjali ta' kontaminazzjoni jew kwalità.

Or. ro

Emenda 11
Thomas Waitz

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna. Fl-2015 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ taċ-ċereali fl-Ukrajna u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[6]. Abbażi ***tal-awditu***, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fl-Ukrajna huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja, u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ ta' dawk l-għelejjel.	(7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna. Fl-2015 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ taċ-ċereali fl-Ukrajna u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[6]. Abbażi ***ta' dak l-awditu, li sar kważi għaxar snin ilu u li għaldaqstant mhuwiex totalment aġġornat***, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fl-Ukrajna huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja, u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ ta' dawk l-għelejjel.
[6] 'Final report of an audit carried out in	[6] 'Final report of an audit carried out in

Ukraine from 26 May 2015 to 4 June 2015 in order to evaluate the system of official controls and certification of cereal seed and their equivalence with European Union requirements'
https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3499.

Ukraine from 26 May 2015 to 4 June 2015 in order to evaluate the system of official controls and certification of cereal seed and their equivalence with European Union requirements'
https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3499.

Or. en

Emenda 12
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna. Fl-2015 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ taċ-ċereali fl-Ukrajna u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[6]. Abbażi tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fl-Ukrajna huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja, u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ ta' dawk l-għelejjel.	(7) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna. Fl-2015 wettqet ukoll awditu tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ taċ-ċereali fl-Ukrajna u ppubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport[6]. Abbażi tal-awditu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ fl-Ukrajna huma kompetenti, għandhom faċilitajiet adegwati fis-seħħ, u joperaw kif xieraq. Dawk l-awtoritajiet huma responsabbli wkoll mill-ispezzjonijiet fuq il-post tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja, u għaċ-ċertifikazzjoni taż-żieragħ ta' dawk l-għelejjel***, sabiex jivvalutaw l-ekwivalenza tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE***.

[6] 'Final report of an audit carried out in Ukraine from 26 May 2015 to 4 June 2015 in order to evaluate the system of official controls and certification of cereal seed and their equivalence with European Union requirements'
https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3499.

[6] 'Final report of an audit carried out in Ukraine from 26 May 2015 to 4 June 2015 in order to evaluate the system of official controls and certification of cereal seed and their equivalence with European Union requirements'
https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit-report/details/3499.

Or. ro

Emenda 13
Krzysztof Hetman

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-aħħar awditi mwettqa mill-Kummissjoni fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna msemmija hawn fuq saru fl-2016 u fl-2015, rispettivament. Għaldaqstant, dawn jafu ma jirriflettux is-sitwazzjoni reċenti u l-bidliet fil-liġi f'dawk il-pajjiżi, u jkunu meħtieġa aġġornamenti ġodda li jirriflettu s-sitwazzjoni legali attwali.

Or. en

Emenda 14
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna għandhom laboratorji taż-żrieragħ akkreditati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ. Dak il-fatt jipprovdi assigurazzjoni addizzjonali dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet u taż-żrieragħ prodotti f'dawk il-pajjiżi u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.	(11) Ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna għandhom laboratorji taż-żrieragħ akkreditati mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Ittestjar taż-Żrieragħ. Dak il-fatt jipprovdi assigurazzjoni addizzjonali dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet u taż-żrieragħ prodotti f'dawk il-pajjiżi u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***, u b'hekk jiżgura li ż-żrieragħ jikkonformaw mar-regolamenti ambjentali u dwar is-sikurezza alimentari***.

Or. ro

Emenda 15
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tiżgura superviżjoni mill-qrib tal-laboratorji akkreditati fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna permezz ta' sistema ta' awditjar estern li tivverifika mhux biss il-konformità mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll l-effiċjenza tat-testijiet u ċ-ċertifikazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu.

Or. ro

Emenda 16
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt sabiex jitkejjel l-impatt ekonomiku fuq is-settur Ewropew taż-żrieragħ.

Or. fr

Emenda 17
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-laboratorji akkreditati fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Ukrajna jadottaw ir-regoli meħtieġa dwar il-prevenzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni ġenetika taż-żrieragħ, f'konformità mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea u l-ħtieġa għas-sikurezza

alimentari.

Or. ro

Emenda 18
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) L-Ukrajna u l-Moldova ma għandhomx l-istess standards soċjali u ambjentali bħal dawk imposti fuq il-produtturi Ewropej taż-żieragħ. Din id-distorsjoni tal-kompetizzjoni ma titqiesx f'dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 19
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għalhekk, jixraq li ***tingħata*** l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf fir-Repubblika tal-Moldova, u fir-rigward taż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf prodotti fir-Repubblika tal-Moldova u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.	(12) Għalhekk, jixraq li ***tiġi rikonoxxuta*** l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward tal-għelejjel li jipproduċu ż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf ***u tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom*** fir-Repubblika tal-Moldova, u fir-rigward taż-żieragħ tal-pjanti tal-għalf prodotti fir-Repubblika tal-Moldova u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.

Or. ro

Emenda 20
Maria Grapini

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jixraq ukoll li tingħata l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fir-rigward tal-għelejjel li jipproduċu ż-żrieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja fl-Ukrajna, u fir-rigward taż-żrieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja prodotti fl-Ukrajna u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.	(13) Jixraq ukoll li tingħata l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa***, f'konformità mad-dritt tal-UE,*** fir-rigward tal-għelejjel li jipproduċu ż-żrieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja fl-Ukrajna, u fir-rigward taż-żrieragħ tal-pitravi, tal-ġirasol, tal-lift u tal-fażola tas-sojja prodotti fl-Ukrajna u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.

Or. ro

Emenda 21
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea twettaq rieżami tal-ekwivalenza mogħtija lir-Repubblika tal-Moldova u lill-Ukrajna kull tliet snin sabiex tiżgura l-kontinwità u l-konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura li l-ekwivalenzi mogħtija jiġu rieżaminati perjodikament sabiex jadattaw għal kwalunkwe bidla leġiżlattiva jew teknoloġika.

Emenda 22
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness	***imħassar***

ta' din id-Deċiżjoni.

Or. fr

Emenda 23
Céline Imart

Proposta għal deċiżjoni
Anness – paragrafu 1 – punt 1
Id-Deċiżjoni 2003/17/KE
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni		
(1) l-entrata "MD" hija sostitwita b'dan li ġej:		
"MD	***National Agency for Food Safety (ANSA)*** ***str. Mihail Kogălniceanu 63,*** ***MD-2009, Chisinau***	***66/401/KEE*** ***66/402/KEE*** ***2002/55/KE*** ***2002/57/KE"***
;		
Emenda		
imħassar		

Or. fr

Emenda 24
Céline Imart

Proposta għal deċiżjoni
Anness – paragrafu 1 – punt 2
Id-Deċiżjoni 2033/17/KE
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni		
(2) l-entrata "UA" hija sostitwita b'dan li ġej:		
"UA	***Ministry of Agrarian Policy and Food of Ukraine*** ***Khreshchatyk str., 24, 01001, KIEV***	***66/402/KEE*** ***2002/54/KE*** ***2002/57/KE — fir-rigward biss ta' Brassica napus, Glycine max u Helianthus annuus"***
Emenda		
imħassar		

Or. fr